Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Familja

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Mandat ta' Inibizzjoni numru 40/2019

Tanya Micallef

-vs-

Jesmond Micallef

Illum 20 ta' Dicembru 2019.

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fil-11 ta' Diċembru 2019 Tanya Micallef (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenta"), ippreżentat rikors li permezz tiegħu talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Jesmond Micallef (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-intimat");

Fl-istess ġurnata, ingħata digriet li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimat jum żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2019;

Fit-12 ta' Diċembru, 2019 l-intimat intavola r-risposta tiegħu.

Ir-rikors ġie trattat fis-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2019 u tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

**IT-TALBA**.

Ir-rikorrenta qed titlob lill-Qorti tordna l-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimat jinżamm milli:

*"Jbiegħ, jalljena, jgħabbi bi djun, is-segwenti proprjetajiet immobbli li jifformaw parti mil-komunjoni tal-akkwisti pendenti l-kawża ta' separazzjoni bejn il-partijiet, Tanya Micallef vs Jesmond Micallef, 29/2016BS:*

i. *Garaxx bla isem u bla numru mibni fuq biċċa raba magħrufa bħala, "Ta' Mliet" fil-limiti tar-Rabat Għawdex tal-kejl ta' cirka tnejn u disgħin meru kwadru (92m.k) u tmiss minn nofsinhar ma' Triq Arcisqof Pietru Pace, mit-Tramuntana ma Triq Santa Malta u mil-Lvant ma' beni ta' George Vassallo;*
ii. *Plot kummercjali magħrufa bħala tal-Warda Fi Trqi l-Imġarr fil-limiti tax-Xewkija Għawdex qabel ir-Rabat Għawdex tal-kejl ta' circa ħames mija u sitta u ħamsin metru kwadru (556sq.m) konfinanti minn nofinshar fi Triq l-Imgarr ma' Ganni Bajada u lvant ma' Eucharistico Sultana;*
iii. *Appartament numru tnejn (2) li jinsabu fil-ground floor bil-ġardina anness inkluż il-pool u l-jacuzzi formanti parti minn blokk ta' bini fi stat ta' kostruzzjoni li ema blokk inbena fuq il-biċċa raba magħrufa bħala tal-Ġebla l-Wieqfa fil-limiti tal-Qala Għawdex tal-kejl ta' tlett mija u ħmistax-il metru kwadru 315mk u tmiss minn nofsinhar ma' beni ta' Michael Buttigieg, lvant mat-Triq l-Isqof Buttigieg u mit-Tramuntana ma' beni tas-soċjeta Penelope Properties Ltd;*
iv. *Dar bl-isem Divine Mercy, fi Triq Marsalforn Xagħra Għawdex konfinanti mit-tramuntanan ma' Victor Mangion minn nofsinhar ma' Ganni Attard u lvant mat-Triq Marsalforn"*

IR- **RISPOSTA TA' L-INTIMAT**

L-intimat talab illi t-talba tar-rikorrenta għandha tiġi miċħuda billi:

a) Il-mandat kien messu sar fuq il-formola appożita;
b) Il-mandat huwa rritu u null stante illi r-rikorrenta ma pprovdietx ir-raġuni għalfejn qed titlob il-ħruġ tiegħu u għalhekk qed tiġi effettwata d-difiża ta' l-intimat;
c) Il-proprjeta' illi tifforma parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti għadha ma hix maqsuma u għalhekk ma jista' jsir ebda trasferiment mingħajr il-kunsens tar-rikorrenta;
d) Il-mandat ma jissodisfax ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jinħareġ.

**ID-DRITT.**

Il-mandat t'inibizzjoni l-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet"** ;

Għalhekk minn qari akkurat tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, jirriżulta illi l-Qorti hija prekluża milli tordna l-ħruġ tal-Mandat, sakemm ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti li ġejjin :-

a) Ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet sal-livell tal-*prima facie* ;
b) Il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti – *periculum in mora*;

**ĠURISPRUDENZA**

Rigward l-element tal-*prima facie* il-Qorti tal-Appell[1] ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor il-jedd irid jidher *'prima facie'*, jiġifieri ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib[2].

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura tal- eċċezzjonali u straordinarja[3].

Il-proċedura hija wkoll waħda sommarja. Dan ifisser illi quddiem din il-Qorti ma hux mistenni illi jitressqu dawk il-provi illi għandhom jitressqu waqt il-kawża dwar il-jedd u għalhekk dan ifisser wkoll illi meta tintlaqa it-talba għal ħruġ tal-mandat dan ma jkunx ifisser illi dak il-jedd ġie ippruvat u daqstant ieħor illi il-jedd ma jeżistix meta it-talba għal ħruġ tal-mandat ma tintlaqax. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

**RIŻULTANZI**

---

[1] Grech pro et noe v Manfre', Qorti ta' l-Appell, deċiża 14 ta' Lulju, 1988.
[2] Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismjiet Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et, Qorti tal-Kummerċ 26-05-1995.
[3] Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019

L-ewwelnett rigward l-argument sollevat mill-intimat illi r-rikors għall-ħruġ tal-ħruġ tal-mandat huwa rritu u null, il-Qorti hija tal-fehma illi dan l-argument ma jreġix stante illi r-rikorrenta kienet ben ċara għaliex qed titlob il-ħruġ tal-mandat. Tant hu hekk illi r-risposta ta' l-intimat tindirizza eżattament il-lanjanza sollevata mir-rikorrenta.

Rigward ir-rekwiżiti illi jridu jiġu sodisfatti:

**a) Jedd *prima facie***

Mit-trattazzjoni jirriżulta illi hemm kawża ta' separazzjoni bejn il-partijiet u illi hija pendenti. Ir-rikorrenta targumenta illi hemm proprjeta' illi hija komuni u għalkemm il-komunjoni ta' l-akkwisti ġiet xolta l-proprjeta' għadha ma nqasmitx u għalhekk gia la darba għad ma hemmx likwidazzjoni s-sehem tagħha minn din il-propjeta jista jiġi mgħobbi b'dejn u piżijiet. Tghid illi hemm kawża pendenti kontra l-intimat mis-soċjeta' Gozitano Agri Coop ( Rik. Gur. 18/17). Taf illi l-intimat kellu qliegħ sostanzjali minn negozju illi kien jiġestixxi fiż-żwieġ iżda ma għandha ebda nformazzjoni ta' x'kien dan il-qliegħ. Taf ukoll illi hemm dejn u għalhekk ma tridx illi sehemha mill-immobbli jiġi preġudikat sakemm jkun hemm il-likwidazzjoni .

Minn naħa tiegħu l-intimat jargumenta illi l-beni in komuni ma jistgħux jinqasmu billi għadha ma saritx il-likwidazzjoni tal-komunjoni. In oltre skond l-intimat din it-talba għall-ħruġ tal-mandat hija superfluwa stante illi is-sentenza illi permezz tagħha l-kommunjoni ġiet xolta diġa' tinibieh milli jassenja jew jitrasferixxi l-beni formanti parti mill-kommunjoni.

Il-Qorti hija tal-fehma illi ġia la darba l-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet għadha ma ġietx likwidata u għalhekk il-partijiet għad għandhom sehem indiviż il-jedd *prima facie* tar-rikorrenta li tikkawtela sehemha jisussisti.

***b) Periculum in mora***

Sabiex ikun determinat jeżistix dan it-tieni rekwiżit il-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-ħruġ tal-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħares il-jedd tar-rikorrenta. Kif ġia ngħad aktar 'il fuq u anke minn dak illi irriżulta waqt it-trattazzjoni likwidazzjoni tal-komunjoni għadha ma saritx. Fid-dawl ta' dan il-fatt il-Qorti tqis illi il-ħruġ tal-mandat huwa meħtieġ.

**PROVVEDIMENT**

Il-Qorti tqis, għalhekk, li r-rikorrenta rnexxielha turi lill-Qorti li jeżistu l-elementi kostitutivi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

a) Tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif dedotta; u

b) Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, Il-Gimgha 20 ta' Diċembru 2019.

Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur